l-aċċent

Ħarġa nru 5
Xitwa 2011

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta** **1**

- L-għadma iebsa tal-qbil grammatikali 1
- Għaliex niktbu *xi jkun* u mhux *x'ikun*? 3
- Bil-Kelma t-Tajba 3
- Aktar punteġġatura skont il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali 4

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija** **6**

- It-tifsira ġuridika tal-kunċett tad-"domiċilju" 6
- It-terminoloġija u l-Bank Ċentrali Ewropew 9
- Is-self mil-librerija tal-Lussemburgu 10

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra** **12**

- Il-kors tal-Qari tal-Provi bil-Malti 12
- Il-politika lingwistika tad-Diviżjoni tal-Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja 13
- It-Traduzzjoni tal-Liġi Ewropea 17
- Il-Juvenes Translatores 18
- Il-Malti tal-idjomi 19

*Merħba għall-ħames bulettin lingwistiku interistituzzjonali* l-aċċent. *B'sodisfazzjon ninnutaw li l-ħsieb tagħna li din il-pubblikazzjoni ma tkunx limitata biss għall-persunal tal-Kummissjoni Ewropea qed jaqbad art. F'din il-ħarġa, minbarra kontributi minn tradutturi fid-dipartiment tagħna fil-Lussemburgu, se ssibu wkoll artikli miktubin minn kollegi mill-Unità Web tal-Kummissjoni fi Brussell, mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, mill-Qorti tal-Awdituri, mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, kif ukoll minn kontributuri esterni. Ma' din il-ħarġa qed jitqassam suppliment terminoloġiku li fih qed jiġu ppreżentati Linji Gwida Interistituzzjonali għat-traduzzjoni tas-sustanzi kimiċi. L-għan tiegħu huwa li jistabbilixxi metodoloġija li tiggarantixxi ċertezza legali billi toffri akkuratezza, konsistenza, applikabilità wiesgħa, sempliċità u utilità.*

*Il-Bord Editorjali*

# BIR-REQQA

*Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

## L-għadma iebsa tal-qbil grammatikali

Lorna Saliba

Għall-problemi li ta' spiss niltaqgħu magħhom dwar il-qbil grammatikali ma teżisti ebda soluzzjoni waħda u stabbilita. Dak li f'għajnejna t-tradutturi jista' jidher bħala ostaklu, il-lingwisti jaraw fih fenomenu lingwistiku denju ta' analiżi mqita.

Ħadna l-fehma tal-lingwisti l-Prof. Albert Borg, il-Prof. Charles Briffa, il-Prof. Ray Fabri u s-Sur Olvin Vella. Lil dawn il-lingwisti ppreżentajnielhom dan l-eżempju:

*Ix-xogħol tal-Kumitat hu li jagħmel eżami **u** valutazzjoni **interna** tal-azjendi agrikoli.*

Staqsejniehom dwar il-kelma "interna" u kif fil-fatt għandha tiġi biex wieħed jifhem li l-kelma *interna* qed tirreferi kemm għall-kelma *eżami* kif ukoll għall-kelma *valutazzjoni*. Ingħatawlna diversi suġġerimenti. L-ewwel wieħed kien li flok tintuża *u* tintuża l-espressjoni *kemm… kif ukoll…*, biex b'hekk is-sentenza tiġi:

*Ix-xogħol tal-Kumitat hu li jagħmel kemm eżami **intern** kif ukoll valutazzjoni **interna** tal-azjendi agrikoli.*

B'hekk tiġi evitata l-problema dwar jekk il-kelma *interna* hix suppost marbuta mal-kelma *eżami* biss, mal-kelma *valutazzjoni* biss jew mat-tnejn. Il-possibbiltà l-oħra hi li l-kelma *interna* tiġi ripetuta kemm wara l-kelma *eżami* u kemm wara l-kelma *valutazzjoni*. Għalkemm soluzzjoni bħal din ma tistax tiġi applikata għal-lingwa mitkellma, fejn huwa improbabbli li l-kelliem ilissen il-kelma *interna* darbtejn, din is-soluzzjoni hija prattika għall-kitba teknika jew formali li jiltaqa' magħha t-traduttur.

Fl-eżempju li tajna aħna, jekk tintuża l-kelma *interna*, jista' jinftiehem li l-valutazzjoni biss hija interna u l-eżami mhux. Skont ir-regola li tgħid li l-aġġettivi jridu jaqblu man-nomi sħabhom, biex il-qarrej jifhem li l-aġġettiv tagħna qed jirreferi għaż-żewġ nomi, dan għandu jinkiteb fil-plural, jiġifieri *interni*.

U kieku flok il-konġunzjoni *u* kellna nużaw *jew*? Il-qbil ġenerali kien li l-aħjar ħaġa hawnhekk tkun li nduru mas-sentenza biex tiġi evitata l-ambigwità. Għalhekk, flok:

*Ix-xogħol tal-Kumitat hu li jagħmel eżami jew valutazzjoni interna tal-azjendi agrikoli.*

wieħed jista' jikteb:

*Ix-xogħol tal-Kumitat hu li jagħmel* ***proċess intern*** *ta' eżami jew valutazzjoni tal-azjendi agrikoli.*

Il-Prof. Ray Fabri ġibdilna l-attenzjoni li l-kelma *jew* hija problematika anke f'lingwi oħra, fejn il-kittieb jista' jiġi f'diffikultà jużax is-singular jew il-plural warajha. Għal finijiet ta' prattiċità wieħed jista' jiddeċiedi li jiġbed linja u jagħżel li juża dejjem il-plural jew juża dejjem is-singular fl-istess test. L-alternattiva tal-plural għandha vantaġġ fuq is-singular peress li ssolvi l-problema tal-qbil grammatikali; għalhekk jidher li hija l-iktar waħda prattika. L-istess raġunament – li peress li għandna żewġ nomi għandu jintuża aġġettiv fil-plural fis-sentenza fejn użajna *u* – japplika għas-sentenza fejn użajna *jew* ukoll.

It-tieni mistoqsija jidher li kienet iktar faċli. Ippreżentajna din is-sentenza:

*Dan l-ammont jiġbor fih l-ispejjeż kollha,* ***inkluż*** *dawk marbuta mal-pagi u mat-taħriġ tal-persunal.*

Il-kelma problematika hija *inkluż* u xtaqna nkunu nafu jekk fis-sentenza ta' fuq tagħmilx differenza nużawx *inkluż* inkella *inklużi*. Kien hemm qbil ġenerali li peress li din il-kelma hija marbuta mal-ispejjeż (u ma' *dawk*) għandna nużaw *inklużi* u mhux *inkluż*, u bl-istess raġunament li kieku kellna din is-sentenza:

*Dan l-ammont jiġbor fih* ***somma*** *ta' flus,* ***inkluża*** *dik marbuta mal-pagi u mat-taħriġ tal-persunal*

nużaw *inkluża* biex tkun taqbel ma' *somma* (u ma' *dik*).

Iżda opinjoni minnhom ikkonfermat it-tendenza ta' wħud minna t-tradutturi li f'dan il-każ jużaw *inkluż*. Wieħed mill-esperti qal li għalih kemm *inkluż* u kemm *inklużi* joqogħdu f'din is-sentenza u dan għax il-kelma *inkluż* tista' tkun kemm il-forma inflettiva fil-maskil kif ukoll il-forma newtrali.

It-tielet u l-aħħar mistoqsija mbagħad jidher li kienet l-iktar waħda diffiċli u interessanti fl-istess ħin. Meta niltaqgħu ma' xi sentenza simili għall-eżempju li jidher hawn taħt, fejn fl-oriġinal jidher l-aġġettiv demostrattiv *this*, ma' liema suġġett għandna norbtuh il-verb?

*Din l-investigazzjoni/il-feature/l-artiklu* ***għandha*** *tiġi ppubblikata sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar.*

Filwaqt li forsi mal-ewwel daqqa t'għajn tidher soluzzjoni loġika li nużaw *għandha* biex taqbel ma' *din l-investigazzjoni*, l-esperti qablu li fil-fatt għandna nevitaw li nużaw is-singular fil-femminil, għax b'hekk inkunu qed norbtu l-pubblikazzjoni esklużivament mal-investigazzjoni. Forsi jekk inneħħu *din* mill-bidu tas-sentenza jkun iktar faċli li neliminaw ukoll l-użu tal-verb fil-femminil u nużaw *għandhom*. Għalkemm jidher li m'hemm xejn stabbilit, ħareġ ċar li hemm preferenza għall-użu tal-plural *għandhom*, minħabba li hija dil-forma li tinkludi t-tliet possibilitajiet. Min-naħa l-oħra espert minnhom qalilna li f'eżempju bħal ta' fuq, il-forma tal-verb għandha taqbel mal-aħħar possibbiltà, jiġifieri mal-kelma *artiklu* fil-każ tagħna. Imma d-diffikultà tagħna kienet proprju din. Jagħmel sens li nibdew is-sentenza b'*din*, imbagħad niktbu *għandu*? Kif għedna, f'każijiet fejn it-traduzzjoni *leali* tagħna se twassal għal nuqqas ta' naturalezza fil-kitba, nagħmlu tajjeb li naħsbu dwar kif nistgħu noħorġu s-sens tas-sentenza li rridu

nittraduċu, imqar jekk xogħolna ma jkunx jimxi kelma b'kelma mal-oriġinal. Tqajjem il-punt li sentenza bħal din hija iktar kumplessa mill-eżempji ta' qabel minħabba li wieħed jista' jinterpreta l-islexx (/) bħala *u*, *jew* u anki *u/jew* u għalhekk jinħolqu dilemmi addizzjonali.

Jekk wieħed iħares lejn lingwi oħra jinduna li din il-problema ma teżistix biss fil-Malti; li r-regoli tal-grammatika, huma ta' liema lsien huma, qatt ma jeliminaw id-dilemmi għalkollox. Filwaqt li f'ħafna każijiet il-qbil grammatikali huwa marbut b'regoli stretti tal-grammatika, wieħed għandu jħossu iktar liberu li jagħżel dak li huwa jqis bħala l-iktar loġiku f'sitwazzjonijiet bħal dawk ippreżentati hawn fuq.

Min jinteressah dan is-suġġett jista' jkun li jitħajjar jaqra wkoll l-artiklu tal-Prof. Fabri, *To agree or not to agree: suspension of formal agreement in Maltese*, u l-Unità 4 fil-ktieb *Translation Practice for the Maltese Bilingual* tal-Prof. Briffa.

*Ms Saliba hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea.*

~ • ~

**Għaliex niktbu *xi jkun* u mhux *x'ikun*?**
Josef Trapani

Xi drabi nitħawdu liema minn dawn it-tnejn hi t-tajba, anke minħabba li l-fonetika tista' tfixkilna xi ftit. Iżda jekk naraw din il-frażi biċċa biċċa nindunaw li, loġikament, il-verżjoni t-tajba hi *xi jkun*.

Il-partiċella *xi* titqassar u tinkiteb *x'* biss meta tkun quddiem kelma li tibda b'konsonanti waħda (eż. ***x'k**amra*) jew quddiem kelma li tibda b'sekwenza magħmula minn konsonanti u l-konsonanti *għ* jew *h* (eż. ***x'żgħ**ażagħ*). Mill-bqija, quddiem kelma li tibda b'żewġ konsonanti (li l-ebda minnhom ma tkun *għ* jew *h*) tinkiteb dejjem sħiħa, jiġifieri *xi*.

It-tieni kelma f'din il-frażi hija l-verb *kien* ikkonjugat fit-tielet persuna singular maskili fl-imperfett (preżent). F'din il-persuna, il-konjugazzjoni fl-imperfett issir biż-żieda tal-prefiss **j**, pereżempju: *huwa **j**rid*, *huwa **j**mur* u, f'dan il-każ, *huwa **j**kun*. Dan il-prefiss **j** jinbidel fil-vokali *i* biss wara kelma li tispiċċa b'konsonanti, pereżempju: *da**n** **i**kun*.

Għalhekk, fil-każ ta' din il-frażi, il-partiċella *xi* ma tistax titqassar u l-verb *kien* fit-tielet persuna maskili fl-imperfett jinkiteb *jkun*. Mela: <u>*xi* + *jkun* = *xi jkun*</u>.

**BIBLJOGRAFIJA** Azzopardi, C. (2005). *Gwida għall-Ortografija*. Malta: Klabb Kotba Maltin.

*Is-Sur Trapani huwa Assistent Lettur tal-Istudji Infermeristiċi fl-Università ta' Malta. Hu wkoll ikkwalifikat bħala Qarrej tal-Provi tal-Malti.*

~ • ~

**Bil-Kelma t-Tajba**
Manwel Mifsud

**Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

MISTOQSIJA:
Fil-gazzetta rajt kliem bħal l-iMġarr, l-iStamperija, l-iSprite, l-iSpjun. Dan miktub tajjeb? Mela kelma tista' tibda b'ittra żgħira u b'oħra kbira warajha?

TWEĠIBA:
Tista', imma skont regola ċara. U skont din ir-regola l-iMġarr, l-iStamperija, l-iSkozja u l-iSpjun miktubin ħażin, filwaqt li l-iSprite hija tajba.

SPJEGA:
Skont ir-regoli tal-kitba Maltija (ara t-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II p. 136-7, Regola 11 Ismijiet Proprji Barranin) "meta jkollna nżidu l-vokali tal-leħen *i* bejn isem proprju li għandu

jinkiteb bħall-oriġinal (jew reklam) u l-artiklu, din inżiduha skont ir-regola tal-artiklu tal-Malti imma nżommu wkoll l-ittra kapitali tal-kelma fl-oriġinal. Għalhekk għandna niktbu l-iSpell, l-iStergene, l-iSprite."

Mela din ir-regola tintuża eċċezzjonalment u qiegħda biex tibża' għall-forma tal-ismijiet proprji barranin li ma ħadux għalkollox is-sura Maltija u li għadhom jinkitbu bħall-oriġinal. Ikunu speċi ta' "marka tad-ditta".

Ma tapplikax għal ismijiet proprji Maltin (bħal l-Imġarr, l-Imsida) jew ismijiet proprji ta' nisel barrani li qagħdu għall-kitba Maltija (bħal l-Iskozja, l-Imnarja). U wisq inqas għal nomi komuni integrati, li jinkitbu sempliċiment l-istamperija, l-ispjun u l-istrajk (jew l-Istamperija, l-Ispjun, l-Istrajk meta rridu nibdewhom b'ittra kapitali, ngħidu aħna f'titlu).

*Ħajr lill-Prof. Mifsud, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, li jagħtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet.*

~ • ~

**Aktar punteġġatura skont il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali**
Ivan Said

*Dan l-artiklu hu msejjes fuq preżentazzjoni bit-titlu "Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali u TRA, REI, REX u EVA" li l-awtur għamel f'seminar li sar f'Ottubru 2010 fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea, fil-Lussemburgu. Il-preżentazzjoni kienet tiffoka fuq l-evalwazzjoni ta' test estern, ir-reviżjoni ta' test estern u r-reviżjoni ta' test intern. Isegwi wkoll l-artiklu li kiteb l-istess awtur fl-aħħar ħarġa ta'* l-aċċent *bit-titlu, "L-użu tal-ispazju fiss" (*l-aċċent*, ħarġa nru 4, Ottubru 2010, p. 6). L-istil ip-preżentat hawn jgħodd għad-dokumenti li jkunu se jidhru f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ta' spiss **is-sing qasir** (-) jintuża minflok **is-sing twil** (–), bħallikieku kienu l-istess ħaġa. Il-qasir għandu jintuża biss mal-artiklu quddiem nom (eż. *il-Kummissjoni*, *il-Kunsill*) biex nagħmluh definit, man-numri[1] (eż. *dsatax-il ktieb*), jew fl-espressjonijiet bħal *kemm-il darba* jew *kemm-il ktieb qrajt?*.

Is-sing qasir jintuża wkoll meta ngħaqqdu prefiss ma' kelma li tibda b'kapitali[2] (eż. intra-Komunitarju, ex-Jugoslavja), u biex ngħaqqdu kelmtejn b'tifsira partikolari[3] (eż. student-għalliem). Is-sing qasir m'għandu qatt jintuża minflok sing twil (–)[4] eż. fl-elenkar:

L-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma:
— il-Parlament Ewropew,
— il-Kunsill Ewropew,
— il-Kunsill,
— il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Kummissjoni"),
— il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,
— il-Bank Ċentrali Ewropew,
— il-Qorti tal-Awdituri.

(Eżempju meħud mill-verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar l-UE, l-Artikolu 13(1)).

Inpoġġu kwotazzjoni dejjem bejn **virgoletti doppji** u kwotazzjoni fi kwotazzjoni bejn **virgoletti singli**[5] bħal pereżempju:

Rapport maħruġ mill-UE saħaq li "it-triq għall-progress hija t-teknoloġija u l-iżvilupp sostenibbli u mhux kif qal l-ambaxxatur Iraqi 'l-investiment fl-armi tal-qerda tal-massa'".

Din ir-regola ortografika Maltija tgħodd f'kull test u hi kontra dik Ingliża.

---

[1] Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali (fil-qosor, GII), 10.1.8.
[2] It-triq lejn Deċiżjonijiet 1 tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti dwar il-Varjanti Ortografiċi (2008) (fil-qosor, Id-Deċiżjonijiet), 3.2.2.2.*Malti (2003), ta' Carmel Azzopardi (fil-qosor, Azzopardi), p.122.*
[3] Gwida għall-ortografija – Għajnuniet għall-kitba bil-Malti (2003), ta' Carmel Azzopardi (fil-qosor, Azzopardi), p.122.
[4] GII, 10.1.9.
[5] GII, 4.2.3., 10.1.7.

U huwa xogħol l-istampatur tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet li jagħmel in-nokklu fuq il-virgoletti (“ ”)[6]. Il-virgoletti Franċiżi (« ») m'għandhom qatt jintużaw f'testi Maltin.

It-titli ta’ kotba, films, perjodiċi, kliem bil-Latin, l-ismijiet xjentifiċi bil-Latin ta’ flora u fawna[7] għandhom jinktibu fil-**korsiv**. Anke jekk fil-Malti inġenerali l-kliem *sui generis* mhux bil-Latin (eż. *fait accompli*, *coup d’état*) nagħmluh fil-korsiv, fil-Ġurnal Uffiċjali għandu jibqa’ bħall-kumplament tat-test u qatt fil-korsiv.

U meta, fi traduzzjoni għall-Malti, inkunu qed nirreferu għal titlu ta’ dokument li ma nqalibx għall-Malti, it-titlu għandu jibqa’ fil-lingwa oriġinali, jinkiteb bil-korsiv and ma jitqiegħedx bejn il-virgoletti:
Fil-komunikazzjoni tagħha, *EMU@10: successes and challenges after 10 years of Economic and Monetary Union*, il-Kummissjoni pproponiet aġenda politika.

L-elenkar isir bl-alfabett Ingliż biss[8], pereżempju: “L-Unjoni għandha tiddefinixxi u twettaq politika u azzjonijiet komuni, u għandha taħdem sabiex tassigura grad għoli ta’ koperazzjoni fl-oqsma kollha tar-relazzjonijiet internazzjonali, sabiex:

(a) tissalvagwardja l-valuri, l-interessi fundamentali, is-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tagħha;

(b) tikkonsolida u tappoġġa d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali;

(c) tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-kunflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skond l-għanijiet u l-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll skond il-prinċipji ta’ l-Att Finali ta’ Helsinki u skond l-objettivi tal-Karta ta' Pariġi, inklużi dawk dwar il-fruntieri esterni;

(d) tagħti appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli fuq il-pjan ekonomiku, soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, bl-għan primarju li jinqered il-faqar;

(e) tinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-pajjiżi kollha fl-ekonomija dinjija, permezz tat-tneħħija progressiva tar-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ internazzjonali;

(f) tgħin sabiex jiġu żviluppati miżuri internazzjonali sabiex tiġi preservata u mtejba l-kwalità ta’ l-ambjent u l-immaniġġar sostenibbli tar-riżorsi naturali globali, sabiex jiġi assigurat l-iżvilupp sostenibbli;

(g) tgħin lill-popolazzjonijiet, il-pajjiżi u r-reġjuni li jiffaċċjaw diżastri naturali jew ikkaġunati mill-bniedem; u

(h) tippromwovi sistema internazzjonali bbażata fuq koperazzjoni multilaterali msaħħa u t-tmexxija globali tajba.”

(Eżempju meħud mill-verżjoni konsolidata tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 21(2)).

Din ġejja mill-kuntest Malti ġuridiku bilingwu u mhux b’kapriċċ iżda biex jitħeffef it-tqabbil bejn il-verżjoni bl-Ingliż u dik bil-Malti. Fid-dokumenti destinati li jidhru fil-Ġurnal Uffiċjali m’għandna qatt nużaw **€** u **ewro**[9] iżda għandha tintuża biss **EUR+spazju fiss** maċ-ċifri li jsegwu. Fit-test niktbu *euro* f’ittri żgħar mingħajr plural[10] u mhux f’simbolu jew akronimu[11]:
*L-euro sejjer ħażin fis-swieq finanzjarji.*

*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[12] huwa t-titlu uffiċjali u għandu jinkiteb dejjem fil-**korsiv** u, meta jkun hemm il-prepożizzjoni preċedenti, ma tingħaqad qatt mal-artiklu.
Iżda meta nużaw it-taqsira, eż. fil-Ġurnal Uffiċjali, din m’għandhiex tinkiteb fil-korsiv u l-prepożizzjoni preċedenti għandha tingħaqad mal-artiklu tat-titlu[13].

[6] Korrispondenza interna tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet (UP), 06.03.2009.
[7] GII, 5.8, 10.6.
[8] GII, 5.6.(a), 10.8.
[9] GII, 7.3.3. Eċċezzjoni għal €: f’xi kolonna ta’ xi tabella fejn verament naqasna l-ispazju.

[10] GII, 7.3.3.
[11] Id-Deċiżjonijiet, 2.8.
[12] Id-Deċiżjonijiet, 2.3.
[13] GII 3.1.2 tal-verżjoni stampata Ingliża tal-2007 peress li din il-Parti 1 bħalissa tinsab mitfija fil-verżjonijiet elettroniċi bil-Malti u bl-Ingliż.

Punt tal-aħħar: fil-Malti m'hemmx spazju bejn l-aħħar ittra ta' kelma u : , ;[14]. Dan jikkuntrasta ma' xi lingwi oħrajn li jesiġu spazju bejn l-aħħar ittra tal-kelma u l-punteġġatura.

[14] GII, 10.1.4.

*Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* (http://publications.europa.eu/code/mt/mt-000500.htm) għandha tgħinna biex insolvu xi problemi tal-punteġġatura li niltaqgħu magħhom ta' spiss fix-xogħol tagħna.

*Is-Sur Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

## KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**It-tifsira ġuridika tal-kunċett tad-"domiċilju"**
Chris Vella

Dan l-aħħar kont qed nittraduċi dokument li kien jinvolvi l-kunċett tad-"domiċilju" u ftakart fil-kumplessità u fl-iżvilupp interessanti ta' dan il-kunċett kif interpretat u applikat fil-ġurisprudenza Maltija. It-tifsira sempliċi ta' "domiċilju", mit-teżawru, hija d-dar, il-lok jew il-post fejn wieħed joqgħod. Iżda din it-tifsira ftit li xejn tiddistingwi ruħha minn dik tal-kunċett tar-"residenza". Id-domanda li ssegwi, għalhekk, hija jekk fil-fatt hemmx distinzjoni sinifikattiva bejn dawn iż-żewġ kunċetti. Ċertament, fil-kuntest legali, u b'mod speċifiku fil-kuntest tad-Dritt Internazzjonali Privat Malti, hemm distinzjoni kbira u importanti ħafna bejn dawn iż-żewġ kunċetti. Meta persuna temigra sabiex issib xogħol aħjar, din tkun qed tibdel ir-residenza tagħha, id-domiċilju tagħha jew it-tnejn li huma? Qabel nipprovaw inwieġbu din il-mistoqsija, ta' min wieħed jikkunsidra l-ewwel x'inhu d-Dritt internazzjonali privat.

Id-Dritt internazzjonali privat jirrigwarda *inter alia* każijiet li fihom ikun hemm element barrani b'mod li qorti Maltija jista' jkollha tiddeċiedi, fl-ewwel lok, dwar jekk ikollhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' l-każ u, fit-tieni lok, kemm-il darba jkollha ġurisdizzjoni, dwar liema liġi għandha tapplika fil-konfront ta' ċittadin barrani jew ta' ċittadin Malti li ma jkunx għadu jgħix Malta. Fir-rigward tat-tieni kwistjoni, il-qorti tkun trid tiddetermina l-liġi applikabbli: għandha tapplika l-liġi Maltija jew il-liġi tal-pajjiż l-ieħor li miegħu l-persuna partikolari jkollha konnessjoni?

Għas-soluzzjoni ta' kwistjoni bħal din, id-dritt internazzjonali privat jipprovdi diversi prinċipji bbażati fuq fatturi ta' konnessjoni. Id-domiċilju huwa wieħed minnhom. Fatturi ta' konnessjoni oħra jinkludu l-*lex rei sitae*, jew il-liġi tal-post fejn proprjetà immobbli tkun tinsab; il-*lex loci celebrationis*, jew il-liġi tal-post fejn isir iż-żwieġ; il-*lex fori* jew il-liġi tal-pajjiż fejn il-kawża tkun qed tinstema'.

Id-domiċilju, bħala fattur ta' konnessjoni, huwa applikabbli għad-determinazzjoni tal-liġi personali li għandha tiġi applikata għall-partijiet jew parti involuti/a fit-tilwima. B'mod ġenerali, l-oqsma li fihom il-liġi tad-domiċilju ta' parti hija applikata huma dawk l-oqsma marbuta mar-relazzjonijiet u l-proprjetà tal-familja, speċifikament il-validità sostantiva jew essenzjali taż-żwieġ; l-effett taż-żwieġ fuq id-drittijiet ta' proprjetà tal-konjuġi; l-adozzjoni; is-suċċessjoni tal-oġġetti mobbli kemm jekk b'testment kif ukoll jekk mingħajru.

Id-domiċilju fis-sistemi legali kontinentali huwa interpretat u applikat b'mod differenti mis-sistemi legali bbażati fuq il-Common Law Ingliża. Aktar minn hekk, is-sistemi legali kontinentali jużaw, ħafna drabi, il-kunċett tan-

nazzjonalità bħala fattur ta' konnessjoni għad-determinazzjoni tal-liġi personali applikabbli u mhux dak ta' domiċilju. Probabbilment dan jikkostitwixxi r-raġuni ewlenija għaliex dan il-kunċett ma żviluppax fil-pajjiżi kontinentali bl-istess mod kif żviluppa fil-pajjiżi tal-Commonwealth.

It-tifsira ta' "domiċilju" fl-istati kontinentali tvarja minn stat għall-ieħor. Fi Franza u fil-Lussemburgu, id-domiċilju għandu t-tifsira tal-istabbiliment prinċipali ta' persuna. Fil-Pajjiżi l-Baxxi huwa l-post tal-għajxien ta' persuna u fl-Italja huwa ħafna drabi mfisser bħala l-post prinċipali tan-negozju. Fil-Belġju, id-domiċilju huwa l-post tar-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-popolazzjoni filwaqt li fil-Ġermanja huwa kwalunkwe stat fejn persuna jkollha stabbiliment fiss. Bla dubju, dawn it-tifsiriet isibu l-oriġini tagħhom fid-Dritt Ruman, li kien ifisser id-domiċilju bħala l-post li jikkostitwixxi ċ-ċentru tal-ħajja ċivili kif ukoll tan-negozju ta' persuna:

> "domicilio (domicilium) di una persona è il luogo che costituisce il centro della sua vita civile e dei suoi affari: eam domum unicuique nostrum debere existimari, ubi quisque sedes at tabulas haberet suarumque rerum constitutionem fecisset" (Le Pandette del Prof. Arndts, annotate da F. Serafini, 1882).

Skont id-Dritt Ruman, id-domiċilju huwa kkostitwit permezz ta' żewġ elementi kostituttivi: ir-residenza f'post partikolari u l-intenzjoni li dik ir-residenza tkun waħda permanenti. Id-Dritt Ruman kien jippermetti li persuna seta' jkollha iktar minn domiċilju wieħed filwaqt li, min-naħa l-oħra, persuna setgħet ukoll tkun mingħajr domiċilju. Dan jiġri, pereżempju, meta persuna tkun abbandunat id-domiċilju tagħha u tkun għadha ma stabbilixxietx ruħha b'mod permanenti f'xi post ieħor.

Min-naħa l-oħra, dan il-kunċett kif interpretat u applikat fis-sistemi legali bbażati fuq il-Common Law Ingliża ma jippermettix li persuna jkollha iktar minn domiċilju wieħed jew li persuna tkun, f'xi stadju jew ieħor, mingħajr domiċilju. Il-Common Law tidentifika tliet tipi jew stadji ta' domiċilju: id-domiċilju tal-oriġini, id-domiċilju tad-dipendenza u d-domiċilju tal-għażla. Id-domiċilju tal-oriġini jiġi kkostitwit mat-twelid u jkun normalment id-domiċilju tal-missier. Meta t-twelid isir barra ż-żwieġ, id-domiċilju tal-oriġini jkun id-domiċilju tal-omm. Wara t-twelid, id-domiċilju tal-minuri jibqa' dipendenti fuq dak tal-ġenitur partikolari sakemm l-istess minuri jilħaq l-età ta' maġġorenni jew jiżżewweġ. Fl-Ingilterra, sal-1973, id-domiċilju tal-mara kien ukoll dipendenti fuq dak tar-raġel. Dan it-tip ta' domiċilju ta' dipendenza tneħħa permezz tal-att parlamentari Ingliż tal-1973 intitolat "Domicile and Matrimonial Proceedings Act".

Kif persuna ssir maġġorenni jew tiżżewweġ din tkun tista' tistabbilixxi d-domiċilju tal-għażla tagħha. Sabiex jinkiseb domiċilju ġdid jeħtieġ li jkunu ssodisfati żewġ kundizzjonijiet: il-preżenza fiżika fil-pajjiż ġdid u l-intenzjoni li wieħed joqgħod hemm b'mod permanenti jew, tal-inqas, indefinit. Ladarba miksub, id-domiċilju tal-għażla jibqa' fis-seħħ sakemm il-persuna terġa' tibdel id-domiċilju tagħha bl-istess mod li tkun kisbet id-domiċilju tal-għażla. Fil-każ li persuna tiddeċiedi li ma tibqax fid-domiċilju tal-għażla tagħha u fil-fatt titlaq minn dan il-post mingħajr ma tkun deċiża dwar fejn ser tistabbilixxi ruħha, jerġa' jidħol fis-seħħ id-domiċilju tal-oriġini tagħha. B'dan il-mod persuna ma jkunx jista' jkollha iktar minn domiċilju wieħed u fl-ebda stadju ma tkun tista' tisfa mingħajr domiċilju.

Bażikament, din hija wkoll it-tifsira mogħtija mill-qrati Maltin lill-kunċett tad-domiċilju. Għalkemm f'ġurisprudenza Maltija antika ħafna wieħed isib eżempji ta' interpretazzjoni ta' dan il-kunċett f'sens previst fid-Dritt Ruman u saħansitra, f'ċerti każi, anki eżempji tal-użu tan-nazzjonalità bħala fattur ta' konnessjoni minflok id-domiċilju (bħalma jsir

fis-sistema legali Taljana), issa ilu stabbilit għal ħafna żmien li f'dan il-kuntest għandu jiġi applikat id-domiċilju fis-sens tal-Common Law Ingliża. F'dan ir-rigward, sentenza antika tal-Qorti tal-Appell Maltija, tad-19 ta' Ottubru 1923[1], ipprovdiet hekk:

> "Attesochè non avendo alcuna disposizione locale sul Diritto Pubblico, i Giudici di sua Maestà applicano i principi di Diritto Pubblico Brittanico. Lo statuto personale Brittanico è regolata dalla legge del domicilio."

Madankollu, ir-referenza għad-Dritt pubbliku Ingliż ma tinkludix l-atti parlamentari Ingliżi iżda biss il-Common Law Ingliża u għalhekk l-Att Parlamentari Ingliż tal-1973 li neħħa d-dipendenza tad-domiċilju tal-mara fuq dak tar-raġel mhuwiex applikabbli fis-sistema legali Maltija. Dan ifisser li f'Malta d-domiċilju ta' mara miżżewġa għadu dipendenti fuq dak tar-raġel tagħha? Fortunatament le. Madankollu, il-Parlament Malti ddeċieda li jaġixxi f'dan ir-rigward għoxrin sena wara dak Ingliż. Bl-hekk imsejħa "Family Law" tal-1993 saret *inter alia* emenda għall-Kodiċi Ċivili fis-sens li r-raġel m'għandux iktar il-prerogattiva li jiddeċiedi hu fejn għandha tkun id-dar matrimonjali. Qabel din l-emenda r-raġel kellu d-dritt jagħżel il-post tad-dar matrimonjali u l-mara kellha l-obbligu li tgħix miegħu u li ssegwih. L-emendi għal-liġi tal-familja, fid-dawl tal-ugwaljanza mixtieqa tas-sessi, bidlu din il-pożizzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 3A(1) preżenti tal-Kodiċi Ċivili Malti jipprovdi li:

> "Id-dar taż-żwieġ għandha tkun stabbilita f'lok li jintgħażel bi qbil bejn il-miżżewġin skond il-ħtiġiet tal-miżżewġin u l-interess ewlieni tal-familja nnifisha."

Fuq il-bażi ta' din l-emenda wieħed jista' jargumenta li ladarba r-raġel ma għadx għandu din il-prerogattiva tal-għażla tad-dar matrimonjali lanqas ma għadu d-domiċilju tiegħu jiġi awtomatikament impost fuq martu kif appena jiżżewġu.

Fil-fatt, bl-istabbiliment flimkien tad-dar matrimonjali tagħhom ikunu qed jistabbilixxu wkoll flimkien id-domiċilju tagħhom.

Punt ieħor li ta' min wieħed isemmi, li għandu rilevanza kbira għall-mistoqsija li biha bdejna dan l-artiklu, huwa dak li jirrigwarda t-tenaċità tad-domiċilju tal-oriġini. It-tibdil tad-domiċilju tal-oriġini mhuwiex faċilment aċċettat u l-qrati Maltin huma relattivament stretti fl-evalwazzjoni tagħhom tal-pretensjoni li parti tkun bidlet id-domiċilju tal-oriġini Malti tagħha:

> "Biex jingħad li persuna bidlet id-domiċilju tagħha ta' oriġini mhuwiex biżżejjed li dik il-persuna tkun marret toqgħod għal żmien twil ġewwa pajjiż ieħor, imma l-kambjament ta' domiċilju jrid jirriżulta minn provi preċiżi u konkludenti li hija ma kellhiex l-intenzjoni tirritorna fil-pajjiż ta' oriġini tagħha[2]."

Fir-rigward tal-Maltin li jemigraw sabiex isibu xogħol:

> "Bħala regola min jemigra biex isib xogħol ma jbiddilx id-domiċilju ta' l-oriġini, għax wieħed għandu jobsor li l-emigrant jikkonserva l-ħsieb li jerġa' lura; iżda meta l-emigrant jistabbilixxi ruħu barra għal bosta snin u ċ-ċirkustanzi juru li ma għandu ebda ħsieb jerġa' lura, il-preżunzjoni hi li huwa telaq id-domiċilju ta' l-oriġini u ħa ieħor fejn mar joqgħod, speċjalment meta fil-pajjiż tad-domiċilju ta' l-oriġini ma jkollu xejn u jkun irid lill-familja tistabbilixxi ruħha miegħu fid-domiċilju l-ġdid[3]."

Għalhekk, fil-kuntest legali Malti, jidher ċar li d-distinzjoni bejn il-kunċett tad-domiċilju u dak tar-residenza hija essenzjalment marbuta mal-ħsieb tal-persuna inkwistjoni. Sabiex jiġi stabbilit domiċilju ġdid f'pajjiż ieħor, jeħtieġ mhux biss li l-persuna inkwistjoni tkun fil-fatt fiżikament f'pajjiż ieħor, iżda wkoll l-intenzjoni

[1] *Emilia Valtentini vs Carlo Valentini.*

[2] Sentenza tal-Qorti tal-Appell, tat-28 ta' April 1998, *Lucia Mamo vs Anthony Mamo.*

[3] Sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tal-25 ta' April 1936, *Caruana vs Mifsud Speranza.*

tagħha li tabita f'dan il-pajjiż barrani b'mod permanenti jew tal-inqas indefinit.

Għaldaqstant, minkejja li persuna tistabbilixxi r-residenza tagħha f'pajjiż barrani, l-intenzjoni tagħha li xi darba fil-futur, anki jekk mhux viċin, terġa' tmur lura Malta teskludi l-istabbiliment ta' domiċilju ġdid fil-pajjiż barrani.

*Dr Vella huwa traduttur mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE.*

~ • ~

**It-terminoloġija u l-Bank Ċentrali Ewropew**
Alessandro Mangion

Nhar it-12 ta' Novembru 2010 Sarah Sammut, it-traduttriċi waħdanija Maltija fil-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), tat preżentazzjoni fil-bini tal-Kummissjoni Ewropea fil-Lussemburgu li matulha spjegat kif jaħdem is-servizz tat-traduzzjoni għall-Malti fil-BĊE kif ukoll it-terminoloġija speċifika li juża.

It-terminoloġija tal-BĊE tinqasam fi tmien oqsma ewlenin: il-politika monetarja, l-attività bankarja u l-finanzi, il-karti tal-flus u l-muniti, is-sistemi ta' pagamenti, l-istatistika, il-kontabbiltà, l-ekonomija, u l-operazzjonijiet. Bit-traduzzjoni għall-Malti fil-BĊE, inbniet terminoloġija Maltija għal dawn l-oqsma li jirrappreżentaw il-ħidma aggregata ta' bank ċentrali.

Fost affarijiet oħra, Ms Sammut tkellmet dwar l-isfidi kbar f'dan ix-xogħol ta' traduzzjoni fejn it-tradizzjoni fil-qasam bankarju u finanzjarju f'Malta ftit setgħet tipprovdi appoġġ minħabba l-użu mifrux tal-Ingliż. Hi għamlet referenza għall-fatt li l-Ingliż illum il-ġurnata huwa l-lingwa internazzjonali fil-qasam tal-finanzi, u spegat kif dan jaffettwa x-xogħol tat-tradutturi tal-BĊE. Barra minn hekk, f'dan il-qasam, diversi termini jibqgħu jintużaw bl-Ingliż mad-dinja kollha (eż. *futures*, *stress test*, *bad bank*), għalkemm xejn ma jżomm li jinħolqu termini li jkunu jfissru l-



istess ħaġa b'ilsna oħrajn. Hija osservat li saħansitra l-Ġermaniż, li ilu żmien twil jintuża fil-qasam finanzjarju, spiss iżomm it-terminu bl-Ingliż kif inhu:

gemanagt – minn *managed*
nicht gedealt – minn *no deal*
traden – minn *to trade*

Fil-każ tal-Malti, ir-reżistenza għal self mill-Ingliż hija aktar baxxa milli hi f'ilsna oħrajn minħabba l-bilingwiżmu tal-Maltin. Hija nnotat li filwaqt li fl-imgħoddi l-Ingliż kien jgħaddi minn "magħmudija" tal-Malti mitkellem qabel ma fl-aħħar kien jgħaddi għall-Malti miktub (eż. (*to*) *fire* = fajjar), illum il-ġurnata t-termini bl-Ingliż ftit jinbidlu qabel ma jibdew jinkitbu fil-Malti.

Ms Sammut qalet li meta jinħass il-bżonn li terminu jinqaleb għall-Malti minflok ma

jinżamm bl-Ingliż, ikun tajjeb li wieħed jevita li jerġa' jivvinta r-rota u, minflok, juża l-għarfien li jkollu ta' ilsna oħrajn biex jasal għal traduzzjoni aktar idonea.

ATM = cajero automático (ES) = kaxxier awtomatiku

Hija saħqet fuq l-importanza li, waqt it-traduzzjoni, wieħed ma jiħux biss il-kelma waħidha iżda jifhem sew il-kuntest sħiħ li fih tkun użata dik il-kelma.

- accountability: responsabbiltà, obbligu ta' trasparenza, obbligu li jingħata kont ta' dak li jkun sar (mhux *kontabilità*, li tintuża għal *accounts*).
- knockout: arranġament li permezz tiegħu nies li jkunu qed jippruvaw jixtru l-istess ħaġa jiftiehmu li ma jikkompetux kontra xulxin = ftehim.
- hike (fir-rata tal-imgħax): żieda qawwija fir-rati tal-imgħax (mhux *mixja twila fil-kampanja*!).
- overheating: meta l-ekonomija tikber tant malajr li twassal għal nuqqas fil-provvista, u l-prezzijiet jogħlew għax il-produzzjoni ma tlaħħaqx mad-domanda (mhux *tisħin żejjed*!).
- delinquency: nuqqas ta' ħlas ta' dejn (mhux *delinkwenza*!).

Il-kliem użat fit-traduzzjoni għandu jkun irregolat mit-tip ta' dokument li wieħed ikun qed jaħdem fuqu u mit-tip ta' qarrejja li jkun immirat għalihom. Il-materjal ikun maħsub, pereżempju, għal rapport finanzjarju, editorjal, stqarrija għall-istampa, fuljett għall-pubbliku inġenerali jew logħba interattiva għat-tfal? Se jaqrawh esperti finanzjarji, bankiera, kaxxiera, il-pubbliku inġenerali jew tfal (bħal fil-każ ta' materjal edukattiv u interattiv li huwa disponibbli fil-websajt tal-BĊE)?

*Is-Sur Mangion huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea.*

~ • ~

**Is-self mil-librerija tal-Lussemburgu: il-Malti ma' tal-aħħar**

Alan Delia

Statistika kkumpilata mil-Librerija Ċentrali tal-Kummissjoni, li ħarġet tard is-sena li għaddiet, tpoġġi lid-Dipartiment tal-Malti lejn l-aħħar fil-lista tas-self ta' kotba mil-librerija fil-Lussemburgu.

Qabelxejn, ta' min din l-istatistika npoġġuha f'kuntest. Id-dipartimenti bl-akbar rata ta' self ta' kotba huma l-lingwi proċedurali, jiġifieri l-Ingliż (36%), il-Franċiż (15%) u l-Ġermaniż (9%). Hemm qabża kbira bejn dawn it-tlieta u d-dipartimenti l-oħra, fejn l-ogħla persentaġġ warajhom huwa dak ta' Spanja, tal-Italja, tal-Polonja u tal-Estonja, ilkoll kemm huma b'4%.

Jekk wieħed jikkunsidra wkoll ir-riżorsi fil-librerija fejn jidħlu kotba u pubblikazzjonijiet bil-Malti, allura l-istatistika li rreferejt għaliha fil-bidu ma tibqax tidher daqshekk traġika. Madankollu, il-fatt fih innifsu li r-rata ta' self ta' kotba u pubblikazzjonijiet mid-Dipartiment tagħna fil-Lussemburgu hija biss ta' 1% jqajjem ftit tħassib li għandu jiġi eżaminat.

***Għandna n-numri, imma għandna kwalità?***

Hu fatt li d-Dipartiment tal-Malti, għal diversi raġunijiet, isofri minn diffikultà kronika ta' nuqqas ta' tradutturi. Hu minnu wkoll li minn xi daqqiet uħud minna jaħdmu sigħat żejda biex ilaħħqu ma' pressjoni għolja ta' xogħol. Minkejja kollox, l-istatistika turi li d-Dipartiment tagħna mhux biss jipproduċi t-traduzzjonijiet fil-ħin, imma għandu wkoll rata baxxa ta' dokumenti li jsiru mill-freelancers.

Iżda hemm aspett ieħor li mhux daqshekk faċli li wieħed ikejlu bl-istatistika u dan hu l-kwalità. Iċ-ċirku tal-kwalità fid-Dipartiment tagħna għadu fl-infanzja tiegħu u għadu mhux f'pożizzjoni li jipprovdi valutazzjonijiet konklużivi bbażati fuq dejta affidabbli fuq medda twila ta' żmien.

Madankollu, l-indikazzjonijiet li ħarġu s'issa mill-ewwel proġetti ta' monitoraġġ tal-kwalità jindikaw li wara n-nuqqas ta' attenzjoni, l-aktar sors importanti ta' nuqqasijiet fix-xogħol tagħna huwa n-nuqqas ta' għarfien, jew għarfien superfiċjali, tas-suġġetti li dwarhom inkunu qed nittraduċu. L-iskop ta' dan l-artiklu mhuwiex li jittratta żbalji grammatikali u oħrajn ikkawżati minn traskuraġni u nuqqas ta' għarfien dwar il-kitba tajba bil-Malti, imma li jenfasizza l-użu jew in-nuqqas tiegħu tal-għodod li huma disponibbli biex xogħolna jkun aktar professjonali.

***Il-kamra tal-għodda: il-Librerija***

Minn meta l-Malti sar ilsien uffiċjali tal-Unjoni Ewropea kellu jittratta oqsma li qatt ma kien trattahom qabel. Jekk f'Malta ma jeżistux ferroviji, pereżempju, mela ma tantx kien hemm ħtieġa u skop li jiġi żviluppat lessiku terminoloġiku ddettaljat dwar dan il-qasam. Żgur se niltaqgħu ma' temi li mhux aħna biss, imma l-biċċa l-kbira tal-Maltin, mhumiex familjari magħhom, imma l-kotba u r-rivisti li hemm fil-librerija jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira biex jimlew dan in-nuqqas. Il-librerija investiet u għadha qed tinvesti fir-riżorsi elettroniċi u qed tagħmel sforzi kontinwi biex is-servizzi kollha tagħha jkunu disponibbli onlajn. Għal min għadu mhux familjari sewwa mal-għodod li tipprovdi l-librerija, hawn se nagħti indikazzjoni fil-qosor ta' dawk li nqis li huma l-aktar importanti.



Il-librerija tinkludi stokk ta' kotba u CD ROMs dwar is-suġġetti kollha u dawn jistgħu jiġu kkonsultati fil-post, inkella wieħed jista' jissellifhom. Wieħed jista' jissellef il-kotba mill-uffiċċju tiegħu stess billi jidħol fil-katalgu ECLAS mill-homepage tal-librerija: http://www.cc.cec/DGT/library/index.htm. Kemm wieħed jordna l-ktieb u jitwassallu fl-uffiċċju dakinhar stess jew l-għada. Bħalissa hemm 97 ktieb bil-Malti li jinkludu dizzjunarji, enċiklopediji, glossarji u tagħrif ieħor. Il-lista tat-titli kollha tinsab fil-P-drive fil-folder *Il-Librerija*.

Kull traduttur mistenni jissuġġerixxi kotba ġodda li jista' jiġi bżonnhom fuq ix-xogħol. Il-formola li tintuża biex wieħed jissuġġerixxi x-xiri ta' ktieb ġdid tinsab f'http://www.cc.cec/DGT/library/documents/GuidetoAcquisitions.pdf

Hemm ukoll għadd ta' gazzetti, rivisti u perjodiċi onlajn fuq suġġetti varji fil-lingwi kollha. Dan il-link joffri spjega ta' kif wieħed jaċċessahom: http://www.cc.cec/DGT/library/bib/periodiqueslux.htm. Fost dawn hemm *The Economist*, li wieħed jista' jikkonsultah mill-kompjuter tiegħu permezz ta' dan il-link: http://www.cc.cec/DGT/library/periodiqueenligne.htm. L-edizzjonijiet l-aktar reċenti tal-gazzetti jistgħu jinqraw fir-Reading Room.

Kull traduttur għandu wkoll il-faċilità tal-Personal Book Allowance, numru ta' kotba li t-traduttur iżommhom dejjem għandu. Normalment dawn ikunu dizzjunarji u handbooks speċjalizzati li t-traduttur iħoss li se jiġi bżonnhom ta' spiss. Min irid iżid xi kotba mal-lista tal-PBA tiegħu għandu jsegwi dan il-link biex ikun jaf aktar: http://www.cc.cec/DGT/library/Standardlistsofbooks.htm.

*Is-Sur Delia huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea u l-Korrispondent tal-Librerija tad-Dipartiment tal-Malti.*

## MILL-GĦATBA 'L BARRA

***Aspetti Oħra***

**Il-kors tal-Qari tal-Provi bil-Malti**
Joseph Mizzi

Fi Frar tal-2006, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, flimkien mad-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta, nieda kors ta' sena li wassal għal Ċertifikat fil-qari tal-provi bil-Malti. Fi tmiem il-kors, 34 student, minbarra ċ-Ċertifikat ingħataw ukoll Xhieda ta' Għarfien mill-Kunsill biex ikunu jistgħu jipprattikaw il-professjoni ta' qarrejja tal-provi.




Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kors tal-qari tal-provi daħal sew fil-kurrikulu annwali tal-Università, tant li fi Frar 2011 ingħata bidu għas-sitt edizzjoni tiegħu.

Mill-ewwel erba' snin, diġà ggradwaw 144 qarrej tal-provi, u għadha kemm intemmet il-ħames edizzjoni, fejn għadd sabiħ ieħor ta' studenti lestew l-istudji tagħhom. Il-kamp tax-xogħol ta' dawk li jagħżlu li jsegwu dan il-kors ivarja minn għalliema, spiżjara u professjonisti fil-qasam tal-finanzi, għal tradutturi, skrivani u inġiniera. Oħrajn jagħmluh sempliċiment għax iħobbu l-Malti.

Biex student jasal biex jieħu ċ-Ċertifikat, ikun għamel 168 siegħa ta' tagħlim dirett. L-istruttura tal-kors tippermetti li jitwiegħbu diffikultajiet u jiġu solvuti problemi li jinqalgħu fil-kitba tal-Malti. Xi kultant jinqalgħu dubji dwar kif wieħed għandu jikteb ortografija korretta skont ir-regoli tal-lingwa. Mhux dejjem is-soluzzjonijiet ikunu faċli biex l-istudent jasal għalihom; it-taqsimiet tal-kors jagħmluha faċli biex dak li jkun jitgħallem jasal għal soluzzjoni mirquma u korretta.

Matul iż-żewġ semestri tal-kors, l-istudent jidħol fid-dettall f'għadd ta' taqsimiet ġenerali li jgħinuh fl-għarfien aktar fil-fond tal-ilsien Malti.

Fit-taqsima tar-Regoli tal-Kitba Maltija fil-Prattika, l-istudent jitgħallem jikkoreġi mingħajr eżitazzjoni żbalji ortografiċi, wara li jkun tkisser fir-regoli uffiċjali kif elenkati fit-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1924), fiż-*Żieda mat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1984), fl-*Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* (1992) u fid-*Deċiżjonijiet 1* (2008). Jitgħallem ukoll ikun konsistenti fl-għażliet tiegħu, u dawn l-għażliet ikun jaf jispjegahom. Jingħataw tweġibiet għal mistoqsijiet bħal jekk għandux jikteb *imtejjba* jew *imtejba* – li għalkemm timmudella ruħha fuq *imkissra*, issegwi r-regola nru 41 fit-*Tagħrif*, li teżiġi li 'f'taqsima ta' kelma sew l-ittra konsonanti **j** kemm ukoll l-ittra konsonanti **w**, ma jistgħux jingħaqdu mal-vokali bil-ħoss ta' ittra mtennija'.

Fl-Elementi tal-Fonoloġija tal-Malti, wieħed jingħata taħriġ dwar kif jingħarfu ċerti ħsejjes ta' ittri partikolari għall-Malti, u kif dawn għandhom jiġu interpretati fil-kitba. Bis-saħħa ta' din it-taqsima, l-istudent ikun jista' jispjega għaliex, pereżempju, ittieħdet id-deċiżjoni li hemm biss mod wieħed kif tinkiteb il-famuża *skont*, u mhux biss.

Fit-taqsima l-Elementi tal-Morfoloġija tal-Malti, jiġu spjegati dawk l-elementi li jsawru l-forma tal-ilsien Malti, kemm f'dik li hija morfoloġija verbali, kif ukoll dik nominali. Jingħataw dettalji dwar l-għeruq Għarab tal-

Malti, imħalltin maz-zkuk Romanzi u Anglosassoni. L-użu tal-mudelli jagħmilha faċli biex il-lingwa tinkiteb tajjeb.

Peress li kitba korretta ma tkunx kompluta jekk ma tkunx akkumpanjata minn punteġġatura tajba, il-Kunsill ħaseb biex jinkludi wkoll taqsima dwar l-Elementi Sintattiċi u l-Punteġġatura. Permezz ta' din it-taqsima, l-istudent ikun jista' jara x'effett jistgħu jkollhom fuq il-punteġġatura, l-istilistika u s-semantika. Peress li ħafna mir-regoli tal-punteġġatura fil-Malti jimxu ħafna viċin dawk tal-lingwa Ingliża, isir tqabbil bejn is-sistemi użati miż-żewġ lingwi.

Żewġ taqsimiet utli ħafna għall-qarrej tal-provi professjonali huma dawk tal-Aspetti Tekniċi fil-Preżentazzjoni tal-Ktieb u l-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi. Permezz ta' dawn iż-żewġ taqsimiet, wieħed jista' jara x'hemm bżonn isir biex biċċa kitba titwassal sal-pubblikazzjoni tagħha. Jiġu eżaminati fid-dettall il-konvenzjonijiet tal-pubblikazzjoni, kif ukoll l-elementi estetiċi u tekniċi li jidħlu fl-industrija tal-istampar tal-kotba bil-Malti.

Jekk ix-xogħol tal-qari tal-provi jkun se jsir bl-idejn, għodod bħas-sinjali li jintużaw biex jiġu mmarkati t-testi jiġu mgħallma minn esperti f'dan il-qasam. Biex l-istudent isibha aktar faċli jieħu sehem fil-Kompetizzjonijiet li minn żmien għal żmien jitniedu mill-Istituzzjonijiet Ewropej, is-sinjali li jintużaw huma dawk li jintużaw minn dawn l-Istituzzjonijiet. Jekk ix-xogħol ikun se jsir permezz ta' sistemi kkompjuterizzati, jiġi mgħallem l-użu ta' għodod elettroniċi bħalma huma dawk li jinsabu disponibbli fil-Microsoft Word u l-Adobe Acrobat.

Il-qofol tal-kors jikkonsisti fi Proġett Prattiku fejn il-parteċipanti jkunu inkarigati jagħmlu xogħol prattiku li jservi kemm biex l-istudent imidd idu fil-qari tal-provi veru u proprju, kif ukoll biex ikun qed jgħin lill-Kunsill tal-Ilsien Malti fil-ġbir ta' informazzjoni siewja dwar il-qagħda attwali tal-Malti miktub.

Nista' ngħid li l-fatt li segwejt dan il-kors kien strumentali biex jirnexxili ntejjeb il-livell tal-Malti postsekondarju tiegħi, u nidħol għal karriera li tagħtini sodisfazzjon kbir. Tgħallimt li bil-bażi soda tal-lingwa li akkwistajt waqt il-kors, nista' nargumenta u nagħti l-ideat tiegħi f'fora li lanqas biss kont nimmaġina li nista' qatt nieħu sehem fihom, u dan grazzi għad-dedikazzjoni ta' nies fil-Kunsill tal-Malti u fl-Università ta' Malta li kull sena jagħtu sehemhom biex il-kors tal-qari tal-provi jkompli jikber fil-popolarità.

*Is-Sur Mizzi huwa korrettur mal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.*

~ • ~

**Il-politika lingwistika tad-Diviżjoni tal-Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja**
Joe Izzo-Clarke

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha rwol speċifiku: li tagħti interpretazzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni fil-kawżi li jitressqu quddiemha, u li tiżgura li din l-interpretazzjoni tasal b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha. Hija trid tiżgura wkoll li kull ċittadin ikollu l-istess possibbiltà ta' aċċess għall-ġustizzja, u li jkollu l-possibbiltà li jifhem fil-lingwa tiegħu dak li jkun hemm miktub u jsegwi l-iżviluppi tal-kawża li jkun parti fiha. Dan isir permezz tad-diviżjonijiet lingwistiċi kollha, fosthom id-diviżjoni tal-ilsien Malti.

Bħal kull diviżjoni tat-traduzzjoni fl-istituzzjonijiet Ewropej kollha, aħna rridu nkunu l-pont bejn il-qorti u ċ-ċittadini Maltin sabiex niżguraw komunikazzjoni effettiva u tajba.

Id-diviżjoni tal-Ilsien Malti, konxja minn dan ir-rwol, tapplika numru ta' prinċipji bażiċi fit-twettiq ta' dan l-inkarigu. Fost dawn il-kunsiderazzjonijiet insibu dan li ġej:

**1. Id-diviżjoni Maltija tittraduċi dokumenti ta' natura ġuridika.** In-natura ġuridika tad-dokumenti tradotti minnha titlob konoxxenza legali tajba, kif ukoll konoxxenza tal-prinċipji ta' kitba legali, bħall-preċiżjoni tal-kelma u tal-istil, uniformità, konsistenza terminoloġika fil-kitba, kif ukoll l-użu tajjeb tat-terminoloġija ġuridika, barra minn Malti kemm jista' jkun



ċar. Sabiex twettaq dan, id-diviżjoni tadotta lista terminoloġika interna li kulħadd jintalab isegwi, li fiha tinkludi l-verżjoni unika li għandha tintuża, ta' numru ta' frażijiet speċifiċi, varjanti, kif ukoll kunċetti ġuridiċi. Hija taġġorna din il-lista regolarment, flimkien ma' dokument ieħor, 'il-Ġabra ta' Noti', li fiha tiġbor indikazzjonijiet speċifiċi għad-dokumenti tal-Qorti, dejjem b'osservanza tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali.

**2. Il-lingwaġġ użat għandu jkun kemm jista' jkun sempliċi u ċar.** Minkejja l-fatt li d-dokumenti huma indirizzati lill-membri tal-professjoni legali iktar milli liċ-ċittadini kollha, it-testi għandhom kemm jista' jkun jużaw lingwaġġ sempliċi u dirett b'mod li jiffaċilita l-qari tiegħu anki miċ-ċittadin, fejn dan huwa possibbli, anki jekk huwa tradizzjonalment diffiċli li dan isir f'dokumenti ta' natura ġuridika[1].

Dan isegwi r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-istituzzjonijiet stess, kif ukoll prinċipji ġuridiċi bażiċi bħal dak taċ-ċertezza legali.

**3. Ir-regoli tal-Malti għandhom jiġu osservati.** It-tradutturi fil-Qorti tal-Ġustizzja, kemm f'dak li jirrigwarda l-istil, kif ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-ortografija, għandhom josservaw strettament ir-regoli tal-kitba tal-Malti[2]. F'dan is-sens, id-diviżjoni tfittex li jkollha konoxxenza tajba ħafna tar-regoli tal-Malti, filwaqt li żżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi f'dan il-qasam. Sfortunatament, l-uniformità, il-konsistenza u ċ-ċertezza lingwistika fil-Malti b'mod ġenerali għadhom ma żviluppawx kif mixtieq f'Malta. B'mod partikolari, il-konsistenza ortografika u terminoloġika għadha mhijiex żviluppata[3]. Fid-dawl ta' eżiġenzi speċifiċi, b'mod partikolari l-prinċipju taċ-ċertezza legali, kif ukoll minħabba l-użu kbir tal-informatika, li jeżiġu li kelma tinkiteb dejjem bl-istess mod, id-diviżjoni tuża verżjoni waħda ta' varjanti, u tadotta dejjem l-istess kelma jew frażi għall-istess kunċett. Id-diviżjoni żżomm kuntatt kontinwu mal-awtoritajiet tal-Malti sabiex issegwi sew l-iżviluppi fil-qasam lingwistiku.

---

[1] F'dan is-sens, ara l-vidjow tad-diskors interessanti tal-Avukat Ġenerali E. Sharpston fil-konferenza bl-isem "Transparency and Clear Legal Language in the EU", organizzata fl-2009 mill-Presidenza Svediża tal-UE. Segwi l-link: http://www.se2009.eu/en/meetings_news/2009/9/8/bureaucratic_eu_language_criticised.

[2] Ir-regoli tal-ortografija jinsabu fid-dokumenti indikati fl-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Ilsien Malti (Kap. 470 tal-Liġijiet ta' Malta). Dawn huma t-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* tal-1924, iż-*Żieda mat-Tagħrif* tal-1984, u l-*Aġġornament tat-Tagħrif fuq il-Kitba Maltija* tal-1992, kif ukoll id-*Deċiżjonijiet 1* tal-2008.

[3] Ara l-artiklu tiegħi dwar dan fil-pubblikazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti "Seminar fuq il-kliem ta' nisel Ingliż fil-Malti", p. 167 (http://www.kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/il-ktieb_finali_sa%20Nov%2008.pdf).

**4. L-istil tal-kitba għandu jkun formali.** Minkejja li l-istil użat għandu jkun ċar u sempliċi, dejjem tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tad-dokumenti, li hija waħda formali. Għaldaqstant, kif indikat ukoll fil-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali, l-istil imfittex huwa wieħed li jevita espressjonijiet u binjiet kol-lokwjali.

**5. Jeżistu diverġenzi bejn it-terminoloġija ġuridika Maltija u dik tal-UE.** Dan huwa stat ta' fatt li d-Diviżjoni taffaċċja l-ħin kollu. It-terminoloġija ġuridika tad-Diviżjoni għandha ssegwi lil dik li tintuża f'Malta. L-unika eċċezzjoni hija li jiġu evitati kliem mhux ta' natura ġuridika li huma tradizzjonalment użati f'sentenzi Maltin (pereżempju: ossija, altrimenti, oltre, eċċ.), almenu fejn il-kelma ma jkollhiex sinifikat tekniku ġuridiku speċifiku. Il-problema tinħoloq mill-fatt li t-terminoloġija ġuridika użata fid-Dritt tal-Unjoni Ewropea għandha numru ta' diverġenzi meta mqabbla mat-terminoloġija ġuridika użata f'Malta[4]. Ma' dan jiżdied il-fatt li dawn it-tnejn għan-dhom numru ta' inkonsistenzi terminoloġiċi[5]. F'dan il-każ, id-diviżjoni tadotta frażi jew kel-ma għal kunċett partikolari u tkompli tużahom kostantement.

**6. It-terminoloġija fil-Malti għadha mhijiex standardizzata.** Għandu jkun hemm użu iktar standardizzat tat-terminoloġija fil-Malti, b'mod partikolari kliem ta' natura teknika. Għal dan il-għan, hemm bżonn ta' koordinazzjoni u ko-munikazzjoni iktar wiesgħa kemm bejn l-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll mal-awtoritajiet Maltin. Dan jgħodd ukoll f'dak li jirrigwarda aspetti iktar formali, bħall-punteġġatura. Għal dan il-għan, id-Diviżjoni ssegwi kemm huwa possibbli l-istruzzjonijiet li jinsabu fil-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali, imma tipprova, fejn huwa possibbli, issib soluzzjoni komuni għal problemi bħall-varjanti.

**7. Il-kwalità għandha tieħu prijorità.** Il-Qorti mill-bidu nett tat prijorità assoluta lill-kwalità tat-traduzzjonijiet tagħha. Naturalment, il-volum kbir ta' xogħol, in-nuqqas ta' tradut-turi fil-bidu, u sitwazzjonijiet partikolari bħad-deroga tat-traduzzjoni tal-Malti kkontribwix-xew sabiex dan il-għan mhux dejjem jintlaħaq kif mixtieq. Iktar ma għadda ż-żmien, però, aktar seta' jiġi nnotat titjib gradwali, u sakemm bdiet il-pubblikazzjoni tas-sentenzi fl-2007 fil-Ġabra tal-Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kien intlaħaq livell sodisfaċenti. Irid isir sforz kostanti sabiex dejjem isir titjib, kemm fl-istruttura tad-Diviżjoni, kif ukoll fil-persunal tagħha.

Matul dawn is-snin, id-diviżjoni setgħet tkom-pli tirfina x-xogħol tagħha fil-qasam tat-terminoloġija. Hija qed tkompli tiżviluppa t-terminoloġija kostantement filwaqt li tapplika l-prinċipji li ssemmew hawn fuq. Madankollu, l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji spiss twas-sal biex id-diviżjoni tiltaqa' ma' numru ta' dif-fikultajiet. Meta sentenza tal-Qorti tikkwota liġi, hija tkun qed tuża sorsi uffiċjali bil-Franċiż, u awtomatikament tadegwa ruħha għal dawn is-sorsi terminoloġiċi fil-kitba tas-sentenza. Iżda, meta wieħed jiġi biex jittraduċi din is-sentenza lejn il-Malti, il-liġi kkwotata,

[4] Xi kultant id-diverġenzi jinħolqu mil-leġiżlatur Malti nnifsu, imma mhux biss. L-Avviż Legali 35.31, dwar Regolamenti dwar drittijiet li jitħallsu għal viżi ta' Schengen, huwa traspożizzjoni fil-liġi Maltija tad-Deċiżjoni 2006/440/KE, li temenda l-Manwal Komuni dwar il-miżati għal viżi. Minkejja li d-deċiżjoni għandha l-verżjoni UE uffiċjali bil-Malti, il-"viża għal żjara qasira" li tinsab fid-deċiżjoni, saret "Viża għal żmien qasir" fil-liġi Maltija. Però, f'dan il-każ, il-leġiżlatur tal-UE ma kienx konsistenti fil-Malti, għax biddel il-verżjoni tiegħu stess, li qabel kienet "Viża għal waqfien fil-qosor" (ara d-Deċiżjoni 2003/454/KE).

[5] L-eżempju klassiku huwa dak tal-kelma bl-Ingliż "competition". Il-kelma użata oriġinarjament fil-liġi Maltija hija "konkorrenza", li għadha teżisti fil-liġi Maltija sa llum. Fit-terminoloġija ġuridika tal-UE, bla dubju għaliex tradotta mill-verżjoni Ingliża, intużat il-kelma "kompetizzjoni". Dan wassal, mal-adeżjoni ta' Malta mal-UE, biex din l-aħħar kelma tkun inkorporata wkoll fil-liġi Maltija. Ir-riżultat huwa li issa l-liġi Maltija tuża żewġ kelmiet għall-istess kunċett (kemm "kompetizzjoni" kif ukoll "konkorrenza").

li tkun ġiet tradotta mill-Ingliż, xi kultant ikollha binja differenti tal-frażijiet u tal-kunċetti użati, u għaldaqstant mhux dejjem il-formulazzjoni użata fis-sentenza tkun tista' taqbel mal-kwotazzjoni.

Barra min hekk, peress li d-diviżjoni tipprova tkun kostanti fit-terminoloġija li tuża, issib diffikultà meta tiltaqa' ma' leġiżlazzjoni li ma jkollhiex terminoloġija kostanti. Pereżempju, id-diviżjoni adottat il-frażi "prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti" għall-frażi "produits phytopharmaceutiques", li bl-Ingliż hija "plant protection products" (Direttiva 91/414/KEE). F'leġiżlazzjoni oħra nkitbet "prodotti għall-ħarsien tal-pjanti" (Deċiżjoni 2009/859/KE), u f'oħrajn "prodotti fitofarmaċewtiċi" (Deċiżjoni 2003/565/KE). Din id-diverġenza għall-istess kunċett toħloq inċertezza fit-traduttur fuq liema verżjoni juża f'dan is-sitwazzjonijiet, għax iż-żewġ verżjonijiet ikollhom il-forza ta' liġi. Il-prinċipju taċ-ċertezza legali jfittex li jevita sitwazzjonijiet bħal dawn. Minn hawn toħroġ l-importanza tal-konsistenza fil-kitba[6].

Il-liġi tagħti awtorità lil dak li jkun qed jintqal fis-sentenza mill-Qorti. Iżda l-awtorità tintilef kemxejn jekk it-terminoloġija użata tkun ġuridikament jew lingwistikament żbaljata, inkonsistenti, jew ma tkunx traduzzjoni fidila tal-oriġinal. F'dan il-każ, il-Qorti tapplika l-parenteżi kwadri sabiex tinkludi l-verżjoni korretta fit-test ikkwotat, mingħajr ma tibdel it-test ikkwotat.

Id-Diviżjoni tal-Ilsien Malti qed tkompli taħdem sabiex tiżgura kwalità fit-traduzzjonijiet tagħha. Fil-kuntest Malti, hija konxja li ma tistax taħdem għal rasha. Huwa neċessarju li tkompli taħdem u tikkoordina xogħolha ma' kulħadd, kemm fl-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE kif ukoll f'Malta. L-iktar ħaġa fundamentali hija li tkompli l-komunikazzjoni ma' kulħadd, mhux biss fil-qasam tat-traduzzjoni, imma wkoll fil-kitba tal-Malti.

6 Mhux biss, imma dan il-prinċipju jikkonferma li m'għandniex inkomplu nippermettu li l-Malti jinkiteb bil-varjanti, imma skont ortografija standardizzata.

Huwa ta' dieqa li wieħed jinnota, però, li m'hemmx il-kooperazzjoni neċessarja bejn il-leġiżlatur u l-awtoritajiet lingwistiċi Maltin. Kemm il-professjoni legali kif ukoll l-awtoritajiet lingwistiċi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn kooperazzjoni bħal din, u minnha jkun jista' jgawdi kulħadd. Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tipprova sservi ta' pont komunikattiv bejn l-awtoritajiet leġiżlattivi u lingwistiċi Maltin. Dak li jrid isir huwa li jiġu evitati atteġġamenti ta' superjorità, ta' pika personali u ta' preġudizzju, u jingħata iktar spazju lill-kooperazzjoni, ħaġa li forsi mhux dejjem tkun faċli għall-Maltin. Dan ifisser li għandna nitgħallmu verament naħdmu ma' kulħadd, mingħajr preġudizzji jew interessi oħrajn.

Fil-qosor, dawn huma l-prinċipji bażiċi tad-Diviżjoni[7]:

1. Kwalità ġenerali tajba tal-Malti;
2. Traduzzjoni fidila u kompleta tat-test oriġinali;
3. Użu korrett ta' terminoloġija teknika u legali (Lista tat-Terminoloġija, Teżawru);
4. Osservanza tal-format elettroniku korrett tad-dokument (Istruzzjonijiet tekniċi);
5. Kwotazzjoni korretta ta' dokumenti uffiċjali bil-Malti, kif ukoll riċerka korretta (Ġabra ta' Noti);
6. Fil-każ ta' dokumenti differenti tal-istess kawża, tradotti kemm minn lingwi differenti kif ukoll mill-istess lingwa, użu konsistenti tal-istess terminoloġija u frażjoloġija sabiex tiġi żgurata konsistenza kullimkien (għall-pubblikazzjoni u fis-sit internet);
7. Traduzzjoni tal-iktar verżjoni aġġornata li tinkludi modifiki sussegwenti;
8. Konsistenza fl-applikazzjoni uniformi tal-linji gwida fid-dokumenti kollha, b'mod partikolari fl-applikazzjoni tal-indikazzjonijiet wara kull reviżjoni.

7 Meħuda minn dokument intern tad-Diviżjoni tal-Ilsien Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-parenteżi hemm riferimenti għal dokumenti interni tad-Diviżjoni, maħsuba biex jimplementaw il-prinċipji indikati.

Id-diviżjoni tal-Ilsien Malti dejjem lesta tikkjarifika u tispjega f'iktar dettall dan kollu, filwaqt li jkun ta' interess għaliha li l-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE jispjegaw x'inhuma l-kriterji tagħhom.

B'dan il-mod, kulħadd ikun jista' jibbenefika mill-esperjenza ta' xulxin sabiex il-Malti jkompli jitjieb.

*Is-Sur Izzo-Clarke huwa l-Kap tad-Diviżjoni tal-Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja.*

~ • ~

**It-Traduzzjoni tal-Liġi Ewropea**
Anna Maria Bartolo

Nhar it-2 ta' Novembru 2010, id-Dipartiment għall-Istudju fit-Traduzzjoni u fl-Interpretazzjoni tal-Università ta' Malta nieda l-ktieb *It-Traduzzjoni tal-Liġi Ewropea* tal-amministratur anzjan fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE Dr Peter John Agius. Tkellimna mal-awtur dwar il-ħsieb wara l-proġett u dwar ix-xogħol ta' traduttur mal-istituzzjonijiet Ewropej.

L-idea bdiet fl-2002 meta Dr Agius u l-kollegi tiegħu, li kienu minn tal-ewwel li bdew jaħdmu fil-Kunsill mill-2002, ikkumpilaw glossarju bit-termini l-aktar problematiċi u bdew jiċċirkolaw linji gwida fi grupp imsejjaħ ĠL, li kien jiġbor fih lill-ġuristi lingwisti u t-tradutturi tal-istituzzjonijiet l-oħra.

Fl-2004 l-Università ta' Malta talbet lil Dr Agius biex jagħmel kredit speċjalizzat fuq it-traduzzjoni fl-istituzzjonijiet tal-UE. Il-kors kien dwar ir-rekwiżiti partikolari u l-kuntest legali li jikkundizzjonaw it-traduzzjonijiet. Ir-riċerka li l-awtur għamel għal dan il-kredit serviet ta' bażi għall-pubblikazzjoni msemmija.

Dr Agius fisser li meta beda jagħti sura stutturata lill-pubblikazzjoni kellu f'moħħu li jelabora r-rekwiżiti tal-multilingwiżmu, u jistħarreġ ir-raġunijiet għaliex nittraduċu 150,000 faċċata għall-Malti fis-sena u għaliex is-servizzi kollha għandhom bżonn tat-tradutturi.

L-awtur jgħid li t-traduzzjoni ssir biex iċ-ċittadin Malti jkollu aċċess għal-liġi Ewropea, jifhem x'inhuma d-drittijiet tiegħu u jkun jista' jesiġihom quddiem il-Qorti mingħajr ħtieġa ta' intermedjarju bħal avukat. Allura t-traduzzjoni ma ssirx essenzjalment għall-avukati imma għal tliet kategoriji ta' persuni: iċ-ċittadini inġenerali, in-nies tan-negozju u l-awtoritajiet nazzjonali. "Xogħolna jrid ikun test Malti adattat għall-espressjoni Maltija u li jista' jintuża mill-poplu," ikkummenta Dr Agius.

Hu fisser li waħda mid-diffikultajiet tat-traduttur hi dik li jissimplifika mingħajr ma jtellef mill-preċiżjoni ta' testi bħalma huma d-Deċiżjonijiet. It-traduzzjonijiet għandhom ikunu leali lejn l-oriġinal imma daqstant ieħor aċċessibbli, u jridu jkunu jistgħu jinqraw u jinftiehmu mingħajr sforz. L-awtur fakkar li l-liġijiet, il-kawżi tal-Qorti tal-Ġustizzja u r-riżoluzzjonijiet tal-istituzzjonijiet huma sors ta' referenza imprezzabbli ta' kif ninterpretaw xogħolna.



Dr Peter Agius

Peress li hemm numru ta' dokumenti f'oqsma partikolari li jgħaddu mill-magna lingwistika tat-tliet istituzzjonijiet, Dr Agius jenfasizza ħafna fuq il-kollaborazzjoni bejn il-kollegi kollha biex ix-xogħol ikun aktar konsistenti. "M'għandux ikun hemm approċċi u terminoloġija differenti. Għandu jkun hemm kondiviżjoni tal-prattiki u tad-deċiżjonijiet li jittieħdu." Jisħaq ukoll fuq ir-responsabbiltà li għandu kull min qiegħed fis-settur biex jekk ikun se jagħmel jew ikun għamel tibdil f'xi dokument tal-anqas javża lil dawk li ħadmu fuqu jew li se jaħdmu warajh.

B'referenza għall-pressjonijiet li jkun hemm minn żmien għal żmien biex jitnaqqsu l-ispejjeż fil-qasam tat-traduzzjonijiet, Dr Agius jara l-possibbiltà li jkun hemm proposta biex ċerti servizzi jingħaqdu u jkun hemm sinerġiji. Din kienet proposta li xirfet għall-ewwel darba taħt il-Presidenza Ġermaniża fl-2006/2007 imma ġiet irrifjutata mill-Istati Membri.

Għalkemm il-Parlament Ewropew jagħmel enfasi fuq "l-użu tal-multilingwiżmu sħiħ", min-naħa l-oħra, biex jiġu ffrankati l-flus, il-Kummissjoni qed tagħmel sforz biex l-ebda dokument abbozzat minnha ma jaqbeż l-20 paġna, u nofs il-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill m'għandhomx interpretazzjoni sħiħa. F'dad-dawl qed isir appell mill-Qorti tal-Awdituri biex fuq l-eżempju tal-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali l-istituzzjonijiet kollha jikkontribwixxu għal servizzi ta' traduzzjoni konġunti.

Dr Agius jipprevedi li fl-istituzzjonijiet Ewropej dejjem se jibqa' l-bżonn tat-tradutturi. Skontu, it-triq għal min irid isir traduttur mal-UE għadha miftuħa għal min hu determinat u impenjat. Hu jammira lil dawk li jagħżlu t-traduzzjoni bħala karriera tul il-ħajja imma jwissi li "wara massimu ta' għaxar snin, wieħed għandu jipprova perspettivi differenti... Mur imqar ma' istituzzjoni oħra - biddel naqra l-arja!"

Hu jitkellem ukoll dwar l-ortografija li fi kliemu tant hi importanti li lanqas għandha tkun diskussa. B'referenza għar-regoli l-ġodda dwar il-varjanti ortografiċi li ħarġu mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti fl-2008, Dr Agius jgħid: "Naħseb li s-soċji kollha għandhom jissottomettu umilment għall-indikazzjonijiet tal-Kunsill (Nazzjonali tal-Ilsien Malti) u għall-pubblikazzjonijiet awtorevoli li diġà hemm fis-settur. Ma nħossx li (dan) hu punt għan-negozjati." Jgħid ukoll li hu kellu jagħmel "qari tal-provi radikali" tal-ktieb tiegħu biex ikun konformi mar-regoli l-ġodda.

F'dad-dawl wieħed allura ma jistax ma jkunx sorpriż meta jinnota li l-ktieb fih għadd ta' żbalji u inkonsistenzi ortografiċi u nuqqas ta' konformità mal-istess regoli li l-awtur tant jenfasizzahom. Din hi t-tweġiba li tana Dr Agius meta staqsejnieh dwar dan: "Partijiet konsiderevoli mill-ktieb inkitbu qabel ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Oħrajn inkitbu wara. L-enfasi tal-ktieb hija fuq it-traduzzjoni bħala l-proċess tad-drittijiet, permezz tat-tifsira, fl-isfond legali u politiku kumpless tal-Unjoni Ewropea u mhux fuq l-ortografija li għaliha hemm diġà diversi pubblikazzjonijiet awtorevoli."

*Ms Bartolo hija traduttriċi mal-Qorti tal-Awdituri.*

~ • ~

**Juvenes Translatores: kompetizzjoni b'rabta mal-Jum Ewropew tal-Lingwi**

Paul Zahra

Għalkemm l-għan ewlieni tal-Unjoni Ewropea hu li tkompli tikber u tissaħħaħ bħala forza ekonomika b'suq waħdieni b'għaqda monetarja mibnija fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet Ewropej bl-iskop li jinħoloq bilanċ bejn il-benessri soċjali, ekonomiku, u ambjentali tagħna l-Ewropej, ma jistax jingħad l-istess ħaġa dwar il-politika tal-UE fir-rigward tal-kultura u l-lingwi.

Pjuttost, f'dawn iż-żewġ oqsma li bħala ċittadini Ewropej immissu magħhom ta' kuljum, l-għan tal-UE hu li tkompli tissaħħaħ id-diversità kulturali u li jkun inkuraġġit l-impetu tal-multilingwiżmu li jikkaratterizza l-kontinent u l-popli Ewropej.

Ta' kull sena fis-26 ta' Settembru jiġi ċċelebrat *Il-Jum Ewropew tal-Lingwi*. Bħala parti mill-attivitajiet marbutin miegħu nsibu fost l-oħrajn il-kompetizzjoni fit-traduzzjoni *Juvenes Translatores*, li għal dawn l-aħħar tliet snin ġiet organizzata mid-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea bl-għan li jiġu promossi l-multilingwiżmu u t-traduzzjoni fl-iskejjel fost iż-żgħażagħ Ewropej.

L-edizzjoni tas-sena 2010 tal-Kompetizzjoni *Juvenes Translatores* għadha għaddejja bil-proċess tagħha li jispiċċa meta r-rebbieħa jitilgħu Brussell f'April 2011. Għalhekk f'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn il-kompetizzjoni tal-2009 li fiha ħadu sehem 599 skola mill-Ewropa kollha fosthom erba' skejjel Maltin.

Fil-25 ta' Marzu 2010, ir-rebbieħa — wieħed jew waħda minn kull Stat Membru Ewropew — attendew għaċ-ċerimonja tal-premijiet. Minn Malta r-rebbieħ għall-2009 kien Benjamin Camilleri.

Kif stqarr miegħi Benjamin aħna u sejrin lejn is-sala fejn kellha ssir il-laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-DĠT: "Bis-saħħa tal-kompetizzjoni u taż-żjara tiegħi rrealizzajt li nista' b'xi mod ngħaqqad l-istudju tal-lingwi li qed nagħmel bħalissa ma' dak tal-ġejjieni." Fi kliem ieħor, għal Benjamin dan ifisser l-istudju tal-lingwi — b'mod speċjali tal-Malti u t-Taljan — mal-istudju tal-liġi li hu jixtieq jidħol għalih hekk kif jispiċċa l-istudji postsekondarji fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi.

Minħabba l-importanza tal-lingwi fl-aspetti kollha tal-komunikazzjoni l-Unjoni Ewropea tħaddan politika li tħeġġeġ it-tagħlim tagħhom. Nitwieldu nitkellmu b'lingwi differenti iżda xejn ma għandu jżommna milli nitgħallmu lingwi barranin speċjalment il-lingwi tal-pajjiżi ġirien. Għalhekk il-politika tal-Unjoni Ewropea f'dan ir-rigward hi li jissaħħu l-lingwi u hi tagħmel kull sforz biex il-pubblikazzjonijiet u l-informazzjoni tagħha jiġu tradotti bil-lingwi kollha bħala servizz lingwistiku utili għaċ-ċittadini.

L-inizjattiva *Juvenes Translatores* hi parti minn dan l-isforz kontinwu li l-Kummissjoni, permezz tad-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni, qed tagħmel ta' kull sena biex jiġu inkuraġġuti t-tagħlim tal-lingwi u t-traduzzjoni fost iż-żgħażagħ li forsi xi darba xi wħud minnhom għad isibu ruħhom jaħdmu magħha bħala tradutturi.

*Is-Sur Zahra huwa traduttur fl-Unità Web tal-Kummissjoni Ewropea.*

~ • ~

## Il-Malti tal-idjomi

Olvin Vella

Dan l-aħħar Edmund Teuma tana rigal żgħir li napprezzawh mhux ftit. Qabad xi kliem li jidher biss fl-idjomi, bħal **awdenzja** ("m'hemmx awdenzja") u **koppi** ("reġa' koppi") u fissru b'kummenti marbuta mal-lingwa, l-istorja u l-kultura. Għax kull kelma Maltija għandha storja twila, storja li ġieli tkun intilfet maż-żmien... imma nibqgħu ntennuha bi drawwa.

Ngħidu aħna, fuq **koppi** jgħid: "Ngħidu 'reġa' koppi' għal min jgħid jew jagħmel dejjem l-istess ħaġa. Koppi mit-Taljan **coppe** (pl. ta' **coppa**) = dawk il-karti tal-logħob immarkati bi qlub ħomor, li jissejħu wkoll kori, kwori, jew qlub. Referenza għall-karti tal-logħob Taljani li minflok qlub, bħal Franċiżi, iġibu tazzi jew kalċijiet bis-sieq. L-ewwel tifsira ta' *coppa* hi tazza jew kalċi. Għal min jgħid jew jagħmel l-istess ħaġa jew l-istess żball ngħidu 'reġa' koppi' bħallikieku reġa' lagħab l-istess karta."




Il-ktieb huwa ppreżentat bħala dizzjunarju ta' kliem tqil jew li tifsirtu fl-idjoma hi interessanti. Ngħidu aħna, taħt l-ittra R insibu: **raba', raħma, raj, rawwem, razza, reġina, rejjex, rekje, rfus, rkaptu, robbu.**

Ħadt pjaċir nitgħallem idjomi ġodda bħal "għaqad il-**bezzun**". Il-bezzun kien "ċilindru taż-żingu li dari kienu jimlewh bil-ġelat u joqogħdu jdawruh f'kartell mimli bis-silġ sakemm il-ġelat jagħqad".

Ukoll, qatt ma kont smajt l-espressjoni "dak ta' **abbet**", jiġifieri "tal-flus, tat-tajjeb. Il-kelma abbet hi mnissla mill-verb Latin **habet** = **għandu**." Ħabib tiegħi għadu kemm semmieli qawl ċajtier li kienu jgħidu n-nies tal-iskola fi ċkunitu, "chi abbet abbet, e chi non abbet żabbabbet", jiġifieri min għandu l-flus, għandu; u min m'għandux, joqgħod iżabbab!

Band'oħra, taħt **rekje** ("jista' jgħidilha rekje" < requiem), l-awtur jgħarrafna li "l-Latin kellu sehem kbir fit-tiswir tal-idjomi Maltin għax billi kien jintuża fil-liturġija tal-Knisja, il-Maltin kienu jużawh imfarrak fl-espressjonijiet li kienu joħolqu biex b'hekk l-enfasi tikber." Lista ta' kliem Latin u l-verżjoni Maltija tiegħu tidher f'*Il-Berqa* tal-15 ta' Ottubru 1932.

In-nisel tal-kelma **żarda** fl-idjoma "qatagħlu ż-**żarda**" sibtu mfisser differenti minn kif tah ħaddieħor. Edmund Teuma fisser żarda bħala "fetqa fid-drapp" waqt li Wettinger, fi *Kliem Malti Qadim,* fissirha bħala l-ikla li kienet issir f'kappella nhar il-festa fis-sekli 15 u 16. Il-Knisja qatgħet iż-żarda fi tmiem is-seklu 16 minħabba l-orġji li kienu jitwettqu fihom.

Fid-daħla, Edmund Teuma jargumenta li idjoma ma tistax taqlibha kelma b'kelma minn ilsien għal ieħor, kif nagħmlu meta ngħidu "qed tiġbidli saqajja!" (EN: you are pulling my legs!) u "ma jarawx għajn ma' għajn" (EN: they don't see eye to eye). Skontu, bil-Malti għandna ngħidu "qed tgħaddi ż-żmien bija" u "ma jaqblux f'kollox bejniethom" allavolja, jgħid Edmund Teuma, l-aħħar waħda mhix idjoma.

Imma, fil-fehma tiegħi, dan l-argument, jekk ikollna napplikawh dejjem, jispiċċa jfaqqar ilsienna minn idjomi milqugħa bħal "mhux kollox ward u żahar" (IT: non tutto è rose e fiori) u "fetaħlu għajnejh" (EN: opened his eyes). Naturalment, barra dawn l-idjomi hemm bosta oħrajn li xi darba kienu barranin, imma nqalbu għall-Malti, xterdu u llum jagħmlu parti mill-ġid kbir tal-idjoma Maltija. Fil-fatt, l-istudju ta' Edmund Teuma jurina sewwasew dan.

*Is-Sur Vella huwa Assistent Lettur fid-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta.*

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: l-accent@ec.europa.eu

***Koedituri****: Alessandro Mangion u Louise Vella*

***Distribuzzjoni****: Rowena Schranz u Maryann Agius*

***Impaġnar****: Chris Galea u Alan Delia*

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni, u lanqas is-servizzi tagħha, ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*